MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Civili - Ghawdex Numru. 22/2002/1

**Professur Dr. John B. u Audrey Margaret konjugi Pace**

**vs**

**Mario Tabone**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta’ Mejju, 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti;
>
> Permezz tal-avviz taghhom l-atturi talbu ghaliex il-konvenut m’ghandux jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jizgombra definittivament mill-ambjenti accessibbli mill-fond numru tmintax (18) Pjazza San Frangisk, Victoria,

Ghawdex, inkluz il-kantina sottostanti ghalih, liema ambjenti jappartjenu lill-atturi u huma minnu posseduti minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ghal fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizzju ta' dan il-fond ma jeccedix il-Lm500 fis-sena;

Il-konvenut imharrek ghas subizzjoni u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fil-5 ta' Awissu 2002 u tal-ittra ufficjali mibghuta f'Settembru 2002.

Permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet l-konvenut oppona:

1. li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;
2. li l-eccipjenti qieghed jiddetjeni l-fond b'titolu validu fil-ligi;
3. li originarjament l-ambjenti mertu tal-kawza kienu jiffurmaw, kif ghadhom sallum, parti integrali mid-dar numru 19, Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex, illum proprjeta' tal-eccipjenti, liema dar kienet mikrija lill-genituri tal-eccipjenti. Wara li l-eccipjenti xtara d-dar fl-1990, il-genituri tieghu baqghu jokkupaw l-ambjenti kollha tad-dar sa ma mietu inkluz dawk l-ambjenti in kwistjoni bl-istess titolu ta' lokazzjoni, u wara l-mewt taghhom, l-eccipjenti kien u ghadu jirrisjedi fl-istess dar flimkien mal-familja tieghu nkluz l-ambjenti meritu tal-kawza;
4. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ukoll n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li fiha eccepixxa:

- l-inkompetenza 'rationae materiae' stante li jirrizulta bl-aktar mod ampju li Mario Tabone wiret l-kirja ta' Edith Tabone peress li kienu jghixu maghha minn wara l-mewt ta' Anton Tabone u

ghalhekk huwa l-Bord li Jirregola l-Kera li huwa kompetenti,

Semghet u ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet rispettiva tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta zgumbrament minn kamra laterali b’bieb fuq pjazza San Frangisk u l-kantinat sottostanti ghaliha liema bieb tal-kamra ghandu n-numru 18. L-atturi qeghdin permezz tal-avviz taghhom jitolbu li l-konvenut, detentur ta’ dawn l-ambjenti, jigi zgumbrat minnhom. Huwa fatt mhux kontestat illi l-kamra u l-kantina sottoposta huma proprjeta’ tal-attur, l-Professur John Baptist Pace, li ippervenew lilu tramite att ta’ divizjoni tat-28 ta’ Lulju 1978 in atti Nutar Dottor Joseph Brincat (esebit folio 39 et seq). Hemm wkoll fatti ohra li ma jidhrux kontestati, fosthom: li l-ambjenti formanti parti l-fond 18 flimkien ma’ dak adjacenti ghalih bin-numru 19 kienu precedentement nkrew mill-awtur tal-attur lill-genituri tal-konvenut, jisimhom Anton u Edith konjugi Tabone, li mietu rispettivament fit-8 ta’ Jannar 2000 u fit-23 ta’ Gunju 2002; li l-fond numru 19 xtrah l-konvenut b’kuntratt tal-11 ta’ April 1990 atti Nutar Enzo Dimech (esebit folio 47 et seq) minghand certi Maurice u Victor Borg li kienu da parti taghhom xtrawh minghand l-attur u hutu b’kuntratt tal-15 ta’ Frar 1978 sussegwentement korrett b’kuntratt iehor tas-27 ta’ Gunju 1978 atti Nutar Angelo Vella (esebit folio 31 et seq) u kif allura soggett il-fond ghall-kirja favur il-konjugi Anton u Edith Tabone li gja kellhom ukoll b’kiri l-fond numru 18 meritu dan l-avviz; li z-zewg fondi riferiti, numru 18 u 19, kienu inter komunikabbli kif del resto jirrisulta mill-kuntratt l-ahhar citat li specifikatament obbliga lill-

imsemmija Borg (allura kompraturi) li “jifirdu l-kamra u parti ta’ kantina…mill-bqija tal-fond in vendita [li kellu] jsir bil-kostruzzjoni ta’ hitan tal-kantun” u a spejjez taghhom u “sa zmien xahar minn meta l-kompraturi jkunu hadu f’idejhom il-pussess liberu (with free and vacant possession) tal-fond in vendita”; li l-konvenut fimkien ma’ martu u z-zewg uliedu dahal jabita l-fond f’xi zmien wara l-mewt ta’ missieru, ostensibilment, anka sabiex jiehu kura ta’ ommu li ma kinitx mara li tghix waheda, u kwindi beda jokkupa l-fond 19 bhala proprjetarju u l-fond 18 in virtu tal-kirja li kienet ghaddiet ex Kap 69 fuq ommu, Edith Tabone, wara li kien miet missieru; li dan l-istat ta’ fatt baqa’ inalterat sal lum bid-differenza li fil-frattemp giet nieqsa omm l-konvenut liema mewt issuccediet xi sentejn wara li miet missieru;

Issa, fil-waqt li l-kawzali li fuqa l-atturi qed jibbazaw t-talba taghhom ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-imsemmija ambjenti (ossija dawk komprizi l-fond numru 18) hi dik li l-okkupazzjoni tieghu hija priva minn titolu validu, l-konvenut qieghed jirreklama titolu ta’ lokazzjoni anzi ta’ rilokazzjoni fuq l-istregwa tal-Artikolu 2 tal-Kap 69, igifieri fuq it-tifsira ta’ ‘kerrej’ “meta fil-kaz ta’ dar ta’ abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu”. Huwa f’dan il-kuntest li l-konvenut qajjem l-inkompetenza ‘rationae materiae” biex din il-Qorti tissokta tieqaf tkompli tisma’ l-kawza. Din l-eccezzjoni pero’ mhux ser tigi akkolta u r-raguni hija s-segwenti: li fuq kwistjonijiet jekk inkwilin ghandux titolu jew le huma l-qrati ordinarji li ghandhom kompetenza esklussiva biex jiddeterminaw tali kwistjonijiet; il-kompetenza ta’ dawn il-qrati tigi nieqsa biss kemm il-darba jigi stabbilit li jezisti titolu fejn allura u fejn si tratta ta’ rilokazzjoni l-kompetenza taghddi fuq il-Bord tal-Kera u minn ikun allega in-nuqqas ta’ titolu jkollu, biex jittermina l-lokazzjoni, jadixxi lill-Bord. Hawn

tigi nieqsa l-kompetenza tal-qrati ordinarji. Igifieri, biex tigi nieqsa l-kompetenza, jrid jirrisulta xi titolu ta’ rilokazzjoni, liema identifikazzjoni ta’ titolu xorta jaqa’ fil-mansjonijiet esklussivi tal-qrati ordinarji li kwindi ghandhom l-esklussivita’ li jindagaw u jiddeterminaw il-punt incidentali dwar il-validita’ tat-titolu reklamat.

Illi dan hu l-punt krucjali ta’ din il-kawza u din il-Qorti ma taqbilx li dan il-punt hemm inkluz fih wkoll jekk thalsitx il-kera u/jew jekk kienx hemm xi obbligu dwar is-segregazzjoni tal-fondi 19 u 18 kif stipulat fil-kuntratt tal-11 ta’ April 1990 (esebit folio 47). Irid jibqa’ imfakkar f’dan il-kuntest li ghall-konvenut dan il-kuntratt kien jikkostitwixxi ‘res inter alios acta”.

Illi l-kwesit ghalhekk hu wiehed sempici: qatt kellu l-konvenut titolu ta’ rilokazzjoni fuq l-ambjenti tal-fond enumerat 18 ossija l-kamra laterali u l-kantina sottoposta ghaliha?

Illi mill-fatti li jirrisultaw hu indubitat li kellu titolu ta’ lokazzjoni missier il-konvenut u din ghaddiet jew ahjar kienet wkoll tkopri lill-armla tieghu li issopravvivietu. Huwa fatt wkoll li l-konvenut kif fuq inghad dahal jokkupa l-fond u l-ambjenti tal-fond 18 wara li kien sar proprjetarju tal-fond numru 19 u wara li kien miet missieru. Huwa fatt ukoll li omm il-konvenut baqghet tokkupa l-imsemmija zewg fondi, kemm fir-rigward il-fond 19 bil-‘bene placitu’ jew b’mod iehor (irrilevanti x’kien) tal-konvenut u in virtu tat-titolu ta’ rilokazzjoni li kienet direttament u esklussivament tgawdi fuq l-ambjenti konsistenti l-fond 18. Huwa fuq din il-premessa li l-konvenut qieghed jivvanta titolu billi jghid li huwa inkluz fit-tfisira ta’ kerrej in virtu tal-Artikolu 2 tal-Kap 69 stante li huwa membru tal-familja li kien joqghod mal-kerrej, ossija ommu, fi zmien tal-mewt taghha. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut li jipprova dan il-fatt issa eskluz li huwa qatt qabel il-mewt ta’ ommu kellu jew seta’

jivvanta titolu fuq l-ambjenti meritu l-kawza billi t-titolu tieghu seta' jigi fis-sehh biss u biss wara l-mewt ta' ommu jekk hu jipprova mhux biss li kien membru tal-familja tal-kerrej, li hu indubitat, izda wkoll li kien joqghod mal-kerrej fi zmien tal-mewt tieghu, f'dan il-kaz taghha. Dwar dan jirrisulta mill-provi li l-missier miet fit-8 ta' Jannar 2000 u l-omm mietet fit-23 ta' Gunju 2002 pero' il-mewt taghha ma sehhx f'Malta izda l-Austrja ghand it-tifla taghha fejn kient ilha ghal disa xhur shah. Jinsorgi ghalhekk hawnhekk il-punt jekk jistax jinghad li l-konvenut kien jghix ma' ommu, l-inkwilina, fiz-zmien tal-mewt taghha u konsegwentement assuma t-titolu ta' 'kerrej' in forza tal-Kap 69.

Illi bid-dovut rispett lejn il-konvenut din il-Qorti waslet f'konkluzjoni li ommu li kienet apupletika gja qabel ma siefret u marret tghix ma' bintha kienet effettivament 'abandunat' ir-residenza taghha f'Malta u kwindi wkoll l-ambjenti konsistenti fil-fond numru 18. Difficilment din il-Qorti tista' tigi konvinta mod iehor konsidrat l-istat fisiku taghha. Il-fatt li setghet tirritorna mhux il-punt ghaliex, fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li kien verament essenzjali ghall-konvenut kien li juri inekwivokabilment hu li ommu mhux biss riedet tirritorna tghix fir-residenza gja okkupata minnha izda li kienet possibbli ghaliha li fisikament tirritorna lura. Li qieghed jigi trattat hawnhekk hija ligi restrittiva ghall-proprjeta' ta' haddiehor u ghalhekk ghandha tigi interpretata restrittivament.

Ghaldaqstant qeghdha tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talba tal-atturi tordna l-konvenut jizgombra l-ambjenti tal-fond numru 18 Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex, u ghal fini tal-izgumbrament qeghdha tiprefigilu terminu ta' xahar mill-lum.

L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.**”**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'dawn l-ilmenti:-

(1) L-assjem tal-provi ma jsostnux it-tezi ta' l-abbandun tal-fond mill-inkwilina Edith Tabone;
(2) It-talba ghat-tehid lura tal-pussess tal-fond kienet taqa' fil-gurisdizzjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera u mhux tal-Qorti ordinarja;
(3) Il-kawzali ta' "bla titolu" hija guridikament intavolata hazin;

Jinzel mil-ligi specjali tal-kera taht il-Kapitolu 69 illi meta jmut il-kerrej u jkun jirrizulta li fil-jum tal-mewt tieghu kien hemm membru tal-familja jghix mieghu, ghal kerrej originarju jissubentra l-okkupant u l-kirja tissokta favur dak il-membru tal-familja. F'dan il-kaz l-inkwilina originarja kienet Edith Tabone u l-konvenut hu binha;

Il-pretensjoni ta' l-atturi appellati hi fis-sens illi huma ghandhom dritt jizgumbraw lill-konvenut minhabba nuqqas ta' titolu validu. Minn naha tieghu l-konvenut isostni li huwa ghandu titolu ghall-okkupazzjoni b'kera tal-fond, u, konsegwentement, ghall-eskluzjoni tad-domanda ta' l-atturi kif proposta. Principaliment, il-konvenut jibbaza din l-eskluzjoni fuq tliet binarji, u cjoe li:-

(i) proceduralment, l-azzjoni kienet taqa' fil-kompetenza tat-tribunal specjali;
(ii) guridikament, it-talba attrici b'dik il-kawzali ta' "bla titolu" kienet zbaljatament ikkoncepita;
(iii) fil-mertu, huwa kellu titolu validu ta' lokazzjoni bis-sahha tal-protezzjoni lilu koncessa mit-tifsira tal-kelma "kerrej" fil-Kapitolu 69;

Il-Qorti behsiebha tikkonsidra dawn it-tliet proposizzjonijiet ta' l-appellanti skond l-ordni hawn appena raffigurata;

Fuq l-ewwel proposizzjoni l-gurisprudenza konkordi hi fis-sens infraskritt:-

(1) “Ghall-ezami tal-kwestjoni jekk il-konvenut ghandux titolu jew le hija kompetenti l-Qorti ordinarja”. Ara “**Gaetano Cauchi -vs- Avv. Dr. Tommaso Fenech *nomine***”, Appell Inferjuri, 29 ta’ Settembru, 1948;

(2) Dejjem dik l-istess Qorti ordinarja hi fakoltizzata li tinvesti u tezamina jekk il-konvenut huwiex kerrej, anke mill-aspett tal-ligi specjali. Ara “**Peter Sammut Briffa *et* -vs- Maria Dolores Zammit *et***”, Appell Inferjuri, 17 ta’ Ottubru, 2002 u “**Joseph Gauci -vs- Catherine Kerkoub**”, Appell Inferjuri, 20 ta’ Ottubru, 2003;

Minn din l-ottika l-eccezzjoni tal-konvenut in mertu ghall-inkompetenza *ratione materiae* tal-Qorti mhix sostenibbli. Dan anke ghaliex it-talba ta’ l-atturi kif ifformulata mhix wahda ghar-ripreza tal-pussess tal-fond f’eghluq ir-rilokazzjoni izda wahda merament bazata fuq il-premessa illi mill-konsiderazzjoni ta’ l-orjentament gurisprudenzjali appena citata l-okkupazzjoni mill-konvenut tal-fond *de quo* ma kellha ebda gustifikazzjoni fil-parametri tat-tifsira li l-ligi specjali taghti lill-“kerrej” fil-kaz ta’ dar ta’ abitazzjoni. L-ilment fir-rigward qieghed ghaldaqstant jitqies insostenibbli;

Ghall-indagini tal-punt guridiku riferibilment ghall-kawzali ta’ “bla titolu” irid jinghad dan. Meta, kif inhu l-kaz hawnhekk, sid il-fond ma jkunx irid jaccetta l-kera minghand l-okkupant tal-fond wara d-decess ta’ l-inkwilin originarju, din hi manifestazzjoni sufficjenti u cara illi s-sid ma jridx igedded il-kirja. Ara a propozitu “**Josephine Camilleri -vs- Emmanuele Dimech**”, Appell Inferjuri, 25 ta’ Ottubru, 1978. Una volta jigi accertat illi jezisti dan il-kongedo jikkonsegwi illi l-premessa ta’ okkupazzjoni bla titolu preambulari ghat-talba ta’ l-izgumbrament hi sew koncepita mill-attur. Dan ghaliex, kif ritenut, min jibqa’ jokkupa l-fond wara kongedo moghti jkun qed jokkupa bla titolu. Ara, fost ohrajn, “**Francis Fenech -vs- Joyce Restall *et***”, Appell Inferjuri, 29 ta’ Marzu, 1982 per Imhallef Maurice Caruana Curran. Mhux biss din il-

lokuzzjoni “bla titolu” wara kongedo moghti mhix wahda legalment improprja izda, ukoll, lanqas ma tista’ tigi attakkata b’nullita` t-talba tendenti ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-fond minhabba dak in-nuqqas ta’ titolu. Ara “**Avv. Dr. Carmelo Agius -vs- Stella Azzopardi *et nomine***”, Appell Civili, 1 ta’ Settembru, 1967, “**Vincent Galea -vs- Anthony Robert Pisani**”, Appell Inferjuri, 14 ta’ Marzu, 2007 u “**Paulina Stagno *et* -vs- Carmelo Bugeja *et***”, Appell Inferjuri, 6 ta’ Ottubru, 2004. Ukoll dan l-ilment ghal ragunijiet appena esposti qed jitqies infondat;

B’introduzzjoni ghall-ilment fil-mertu mhux eskluz illi ghall-bidu l-provi kienu jiggiraw fuq l-asserzjoni illi l-konvenut ma kienx jirrisjedi fil-fond *de quo*. Jibqa’ l-fatt illi l-kwestjoni stradat ruhha wkoll fuq il-konsiderazzjoni dwar jekk l-inkwilina omm kienetx abbandunat il-fond lokat. Dan qed jigi rilevat ghaliex kienet ukoll kwestjoni fokali li fuqha kkoncentrat l-ewwel Qorti dwar jekk dik l-inkwilina, bl-allontament taghha minn Malta, gietx li telqet il-fond mikri;

Hu principju generali accettat mill-gurisprudenza illi l-kerrej li ghal xi raguni ta’ sahha jmur jghix f’istitut jew sptar jew ma’ xi membru tal-familja ma jitqiesx li abbanduna l-post fejn ikun joqghod. Ara “**Lino Bonnici -vs- Michelina Livori**”, Appell Civili, 30 ta’ Novembru, 1983. Il-principju pero` mhux assolut u ma jigix applikat awtomatikament malli tqum qaghda ta’ din ix-xorta. Kollox jiddependi mill-valutazzjoni tal-fattispeci pekularji tal-kaz u fil-limiti gusti tal-materjal probatorju;

Inghad minn din il-Qorti kif presjeduta, fuq is-suddett principju illi “din il-Qorti ma naqset qatt, fejn hekk kien jokkorri milli, f’xi decizjonijiet taghha, tippromwovi u tapplika dak il-principju anke ghax temmen, b’gustizzja, li persuni ta’ certa eta` avvanzata, f’postijiet lokati lilhom, ghandhom jigu mharsa u moghtija dik il-protezzjoni guridika fejn il-kaz hekk jirrikjedi. Minn naha l-ohra temmen ukoll illi l-principju ma ghandux jigi prattikat b’mod

indiskriminat" ("**Michael Fenech *et* -vs- Michelina Spagnol**", Appell Inferjuri, 20 ta' April, 2005);

Dejjem din l-istess Qorti kellha okkazjoni tosserva fuq l-istregwa tal-bosta decizjonijiet ezaminati illi t-tul ta' zmien li inkwilin bhal dak u ghal dik ir-raguni joqghod il-boghod minn daru mhux fih innifsu kriterju konklussiv li jwassal ghall-abbandun. Hekk, ad ezempju, il-Qrati matul iz-zmien hassew li kellhom jittutelaw lill-kerrej fil-protezzjoni tal-ligi f'kaz fejn dan kien ilu 5 snin rikoverat fi sptar ("**Cachia -vs- Zammit McKeon *nomine***", Appell Inferjuri, 23 ta' April, 1998) jew ukoll ghall-aktar minn 10 snin ("**Inez Agius -vs- Jane Scicluna**", Appell Civili, 8 ta' Novembru, 1994) jew fil-kaz tal-kerrej rikoverat fid-dar ta' membru tal-familja ghal 4 snin ('**Mary Abela *nomine* -vs- Joseph Camilleri**", Appell Inferjuri, 22 ta' April, 1986) jew ukoll 7 snin ("**Josephine Azzopardi -vs- Rose Cilia**", Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru, 2007);

Mill-banda l-ohra, il-konkluzjoni tan-non-uzu tal-fond setghet ukoll tissussisti "jekk ic-cirkustanzi kienu tali li jwasslu ghall-konvinciment – kif ovvjament kienu fil-kaz in ezami – illi l-inkwilina kienet abbandunat il-fond ghal numru konsiderevoli ta' snin u jkun jidher mic-cirkustanzi tal-kaz illi ma kellhiex, jew ma setghetx ikollha, intenzjoni jew il-possibilita` li hemm tirritorna, dan kellu jwassal ghal konkluzjoni illi kien hemm in-non uso li jikkwalifika bhala bdil tad-destinazzjoni" ("**Joseph Vella *et* -vs- Violet Gingell**", Appell Inferjuri, 30 ta' Mejju, 1997);

Premess dan, il-fehma ta' l-ewwel Qorti f'dan il-kaz hi espressa fit-termini ta' din l-ahhar sentenza citata. Dan fis-sens illi l-abbandun mill-inkwilina Edith Tabone kien jissussisti kemm minhabba l-istat fiziku taghha kif ukoll ghal motiv li l-konvenut ma weriex ghas-sodisfazzjon taghha illi ommu riedet tirritorna lura mill-Awstrija fejn marret toqghod ghand bintha jew li kien possibbli ghaliha li fizikament tirritorna lura;

Din il-Qorti rriezaminat il-provi attendibbli u tistqarr li hi wkoll tal-ferma konvinzjoni illi:-

1. Ma giex konkludentement ipprovat illi meta l-imsemmija inkwilina, gja apopletika, marret l-Awstrija dik iz-zjara taghha kienet wahda sempliciment ta' btala. Difatti, meta kontro-ezaminata, ix-xhud Emily Spiteri, kugina tal-konvenut, tistqarr illi ma kienetx f'qaghda li tiddikjara u tikkonferma b'certezza bhala fatt illi zijitha marret ghal vakanza. Ara deposizzjoni taghha a fol. 136;

2. Mhux lanqas prezumibbli illi fil-kondizzjoni li kienet l-inkwilina marret ghal btala;

3. Ukoll mhux presumibbli illi hi meta telqet minn Malta l-inkwilina ma marretx bl-intenzjoni li tghix ma' bintha bl-iskop li f'dik il-qaghda taghha, jkollha min idur biha u jindukraha. Abbinat ma' dan, il-presumibbli dizgwid inter-familjari ghal liema taccenna wkoll ix-xhud predetta Emily Spiteri, ma tezisti ebda gustifikazzjoni l-ghaliex m'ghandux jew ma kellux ikun prezunt illi omm il-konvenut marret l-Awstrija ghand bintha biex toqghod hemm permanentement. Konsidrata dik il-kondizzjoni fizika taghha wiehed ragonevolment ma jistax jeskludi illi din qatt xi darba kellha l-animu li tirritorna lura;

4. F'cirkostanzi bhal dawn, ankorke l-inkwilina halliet ghamara u xi hwejjeg proprji taghha fil-fond, ma jista' lanqas jigi accettat illi b'daqhekk hi baqghet versomilment izzom il-fond mikri bhala r-residenza taghha bil-hsieb li tirritorna fih.

Ghal dawn il-motivi kollha u dawk l-ohra adottati mill-ewwel Qorti din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti. Ghall-iskop ta' zgumbrament tal-konvenut mill-fond *de quo* din il-Qorti qeghda tipprefiggi t-terminu ta' xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------